SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA**

**9 ta' Marzu, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u David Dalli.

**SKUŻATA**

Il-Kunsillier Violet Bajada.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament jiddiskuti issa t-tielet *item* fuq l-aġenda.

Dwar Memo 89/2009 u 01/2010, saret referenza għal-Liġi tal-Kunsilli Lokali:- Kapitlu 363, kif emendati, paġna 24, Nru 45.

Is-Sindku propona li jiġi mgħarraf b'dan id-Direttur tal-Gvern Lokali u l-Kunsill jistenna risposta.

**10.3 Kunsiderazzjoni u Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti**

10.3.1 Il-Kunsill kien infurmat li ġew sottomessi tmien offerti għal kuntratt ta' Servizz ta' Perit u *Contracts' Manager* - SGNLC/T/04/09, fejn kien ippreżentat rapport dwar l-offerti, li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala dokument "10A".

10.3.2 Saret evalwazzjoni tat-tliet offerti li kellhom id-dokumentazzjoni kollha valida, fejn anke ġie ssuġġerit li ssir laqgħa magħhom, iżda kien hemm qbil li l-Kunsill jista' jaġġudika din l-offerta.

10.3.4 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

10.3.5 *"Il-Kunsill, wara evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa, jaqbel illi l-offerta għal Servizz ta' Perit u Contracts' Manager - SGNLC/T/04/09 tiġi aġġudikata lil ACB Architects peress li hi l-orħos offerta kif ukoll jirriżulta li għandha l-aħjar offerta teknika."*

10.3.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet b'erba' voti favur, wieħed kontra u tliet astenzjonijiet.

10.3.7 Fuq talba għal *division* tal-vot irriżulta li l-erba voti favur kienu tas-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri David Dalli u Neville Mallia, l-vot kontra kien tal-Kunsillier Marica Bayliss u t-tliet astensjonijiet kienu tal-Kunsillieri Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici u Joan Farrugia.

10.3.8 Il-Kunsill kien infurmat li ġew sottomessi seba' offerti għal kuntratt ta' Sistema Fotovoltajika għall-Uffiċju tal-Kunsill – SGNLC/T/01/10, fejn kien ukoll ippreżentat rapport dwar l-offerta, li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala dokument "10B".

10.3.9 Il-Kunsill filwaqt li nnotta li l-*grant* mill-Gvern Ċentrali għal dan il-proġett kienet il-massimu ta' € 10,000, iddiskuta d-diversi offerti varji li sarulu mill-aspett tekniku u ekonomiku.

**10.3.10 Waqt id-diskussjoni l-*working* preliminari kien juri li l-aħjar offerta kienet ta' *Solar Solutions Ltd.*, iżda wara li l-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni, saru *workings* oħrajn li l-aħjar offerta kienet ta' *Bajada International Solar System*.**

***Emendata Laqgħa 11 kontinwazzjoni 1***

10.3.11 Il-Kunsillier Marica Bayliss resqet din il-mozzjoni:

10.3.12 *"Wara li ssir verifika ma' persuna teknika mas-sistemi fotovoltajiċi biex jasal għar-rakkomandazzjoni finali, il-Kunsill jinkariga lis-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmlu l-għażla għal din l-offerta".*

10.3.13 Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

10.3.14 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.25pm għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermti, illum **20 ta' Mejju 2010.**

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Joseph Agius<br>Sindku | Adrian Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |